MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Numru. 802/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Liliana Galea**

**Kumpilazzjoni numru 802/2009**

Illum, 17 ta’ Novembru 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Liliana Galea**,** ta’ 33 sena, mart Franco, bint Nicholas Micallef u Mary Grace nee’ Micallef, imwielda H’Attard nhar il-15 ta’ Dicembru 1975, toqghod 88, Flat 2, Southern Breeze, Triq Iz-Zonqor, Marsaskala, detentrici ta’ l-karta ta’ identita’ numru 268276M

Talli f’ April 2009 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. fil-kapacita’ taghha ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghha, talbet, irceviet, jew accettat ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor li ghalih hi ma kellhiex jedd:

b. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita’ taghha ta’ ufficjal jew impjegat publliku, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghek, kienet saret id-depozitarja ta’ sigriet li kien gie fdat lilha, kixfet dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligaha tgharrafhom lil awtorita’ pubblika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjoniet ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali mghoti ai termini ta’l-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
1) 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) 18 u 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) 18 23B, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi l-imputata kienet impjegata mal-Gvern u kienet tahdem mad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud[1]. Hija kienet tokkupa l-kariga ta’ spettur (*VAT inspector*) u xogholha kien jinkludi servizzi ta’ *customer care* u li tivverifika l-informazzjoni mghotija mit-*tax registered persons* meta dawn jitolbu korrezzjonijiet fild-denunzji taghhom. Persuna li kienet tahdem f’l-istess kamra taghha u li kienet tokkupa l-istess kariga taghha (*VAT inspector*) ghalkemm kien jaghmel xoghol differenti) kien certu Carmel Deguara.

Illi skond dan Carmel Deguara, li tressaq bhala xhud tal-prosekuzzjoni, kien hemm okkazzjonijiet meta l-imputata kienet tghaddilu xi dokumenti maghluqa *f’envelopes* biex huwa da parti tieghu jaghtihom lil certu Saviour Micallef. Dan Saviour Micallef huwa ziju ta’ Liliana Galea. Deguara qal ukoll li kien hemm okkazzjoni meta Saviour Micallef tah somma flus bhala apprezzament talli haffieflu refund[2].

Illi Saviour Micallef xehed ukoll f’dawn il-porceduri; hu qal li kien hemm xi okkkazzjonijiet meta huwa halla envelope bid-denunzji tal-VAT tal-kumpaniji tieghu ma’l-imputata biex hija tohodhom il-cash office; jghid ukoll li gieli baghat id-denunzji tal-VAT (ghand l-imputata) ma’ certu Herman Sant. Saviour Micallef qal ukoll li huwa lil Carmel Deguara kien jafu. Saviour Micallef jammetti li f’Novembru tas-sena 2008 huwa kien ta s-somma ta’ elf Euro (€1,000) lill-imputata pero huwa jghid li dan kien rigal tal-Milied ghaliha u ghal uliedha.

---

[1] Li ser jigi riferit bhala VAT.

[2] Jirrizulta li kienu ittiehdu passi kontra dan Carmel Deguara dwar dawn il-fatti u nghata sentenza fuq ammissjoni tieghu.

Illi l-imputata xehdet u fid-depozizzjoni taghha, ghalkemm l-ewwel bdiet tinsisti li l-elf Euro (€1,000) Saviour Micallef kien taghhomlha bhala rigal, eventwalment ammettiet li din kienet l-ewwel darba li Saviour Micallef taha somma bhal dik u li meta taha dawk l-elf Euro (€1,000) qalla li dawk kienu in konnessjoni mal-fatt li ghenietu bid-denunzji jew fi kliem l-imputata talli ghenietu b’dawk l-*envelopes*. L-imputata qalet ukoll li meta Micallef kienu ghadu kif taha l-elf Euro (hu kien mar jaghtihomlha id-dar taghha) kellhom ibiddlu id-diskors ghaliex dak il-hin wasal ir-ragel taghha.

Illi l-imputata kienet rrilaxxjat stqarrija ukoll; f’l-ewwel wahda qalet bejn wiehed u iehor dak li qalet fid-depozizzjoni taghha fil-waqt li fit-tieni stqarrija qalet ukoll li hija lil Saviour Micallef gieli kienet ticcekkjalu x’denunzji kellu nieqsin u taghtih formoli vojta biex huwa jimlihom u jibghathom id-dipartiment; hija ammettiet li kient anke ticcekkja x’bilanci kien ikollu favur jew kontra d-dipartiment koncernat.

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni, minbarra l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni f’dan il-kaz, xehdu zewg persuni ohra li taw informazzjoni dwar l-impjieg ta’l-imputata u x-xoghol li kienet taghmel.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandhiex dubbju li l-imputata, ufficjal pubbliku, ghenet lil Saviour Micallef billi kienet twassallu xi dokumenti lil u minghand Carmel Deguara; kienet tghinu ukoll billi kienet tohodlu denunzji l-cash office biex jithallsu, oltre li perjodikament kienet taghmel verifiki mas-sistema tad-dipartiment biex tistabilixxi jekk Micallef kellux xi denunzji li ghadhom mhux prezentati u x’bilanci kellu favur jew kontra d-dipartiment. Ta’ din l-ghajnuna l-imputata accettat is-somma ta’ elf Euro (€1,000).

Ikkunsidrat

Illi a skans ta’ ekwivoci l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputata a bazi tal-provi prodotti fil-konfront taghha u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami

huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1) in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna imputata;
2) li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3) li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4) li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[3].

Illi l-ewwel zewg elementi jirrizultaw ampjament; m'hemm l-ebda dubbju li l-imputata hija ufficjal pubbliku in kwantu hija impjegata mal-Gvern jekk kif lanqas m'hemm dubbju li hija accettat is-somma ta' elf Euro (€1,000) minghand Saviour Micallef ghall-ghajnuna li kienet taghtih.

Illi l-argument pricipali tad-difiza jirrivolvi dwar l-ahhar zewg elementi tar-reat in ezami. Id-difieza fil-fatt qed tikkontendi li xoghol l-imputata ma kienx li taccetta u tiehu d-denunzji l-cash office imma xoghol iehor, ghalhekk, dejjem skond id-difiza, ma giex pruvat li l-accettazzjoni ta'l-elf Euro (€1,000) da parti taghha saret in konnessjoni mal-kariga jew l-impjieg taghha u konsegwentement ma jistax jinghad li din l-offerta u l-accettazzjoni taghha kienet bi skop biex l-imputata taghmel (jew ma taghmilx) dak li hija kienet fi dmir li taghmel.

---

[3] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi dwar dan l-element u f'xiex jikkonsisti 'l hekk imsejjah *atto d'ufficio* Francesco Antolisei jghid hekk:

*L'atto d'ufficio, che deve essere oggetto dell'accordo criminoso, e' l'atto legittimo compiuto nell'ezercizio della pubblica mansione e che percio rientra nella sfera di competenza del pubblico ufficiale o dell'incaricato di un pubblico servizio. Esso no va inteso in senso formale (riconducibilita a specifici poteri funzionali) e comprende, quindi, ogni comportamento del funzionario che sia attinente al suo ufficio, consista esso in un azione o in un ommissione anche soltanto genericamente individuabili. Non si richiede che l'atto sia definittivo e irrevocabile e la sua qualita, nonche la sua importanza, sono indifferenti*.[4]

Illi anke l-Professur Sir Anthony Mamo ikkommenta fuq dan l-aspett tad-dispozizzjoni tal-Ligi in ezami; huwa jghid:

*It is essential that the acceptance …. be made by the public officer in connection with his office or employment. … This means that the act in respect of which the reward etc is accepted must fall within the functions of the public officer concerned. An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would have no right to do by virtue of his office will indeed be an act of that officer but will not be an act of his office. It does not matter however whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated functions*[5].

Illi mid-dokumenti esebieti[6] jirrizulta li l-imputata ma kellha l-ebda xoghol assenjat lilha li kien strettament relatat mal-cash office, cioe l-ufficju li jircievi d-denunzji u l-hlas relattiv; pero huwa veru ukoll li Saviour Micallef kien ihalli d-denunzji maghha ghaliex hija kienet impjegata mad-dipartiment tal-VAT.

---

[4] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagna 329

[5] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 86.

[6] Ref Dok JH2 fejn hemm, inter alia, elenkati d-doveri ta' l-imputata minn sena ghal sena.

Illi aktar minn hekk pero jirrizulta li mis-sena 2002 xoghol l-imputata kien jinkludi *customer care*[7]; fil-verita kull *VAT inspector*[8] huwa obbligat jaghmel xoghol ta' *customer care*[9]. L-informazzjoni li l-imputata tat lil Saviour Micallef dwar d-denunzji tieghu u dwar jekk "il-kont" tieghu mad-dipartiment kienx *in credit* jew *in debit* hija informazzjoni li persuna inkarigata mill-*customer care* fid-dipartiment tal-VAT hija fid-dmir li taghti lill-persuna li titlob din l-informazzjoni.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputata kienet fi dmir li taghti dik l-informazzjoni li jirrizulta li tat lil Saviour Micallef. Aktar minn hekk hija l-fehma tal-Qorti li Micallef talab kwalunkwe haga ohra mill-imputata minhabba li hija kienet tahdem fid-dipartiment tal-VAT u dak li kollu li ghamlet l-imputata fil-konfornt ta' Micallef kien kollu attinenti ghall-impjieg taghha mad-dipartiment tal-VAT.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik ta' kxif ta' sigriet professjonali.

Illi kif diga ntqal huwa pruvat li l-imputata tat informazzjoni lil zijuha Saviour Micallef dwar id-denunzji tal-VAT tieghu; pero din l-informazzjoni (u li hija imsemmija fil-kunsidrazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni) hija informazzjoni li hija kienet obbligata taghtih.

Illi ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li kien hemm xi okkazzjonijiet meta l-imputat kienet tghaddi xi *envelopes* lill-kollega taghha Carmel Deguara biex dan jghaddihom lil Saviour Micallef. Mill-provi akkwieziti f'dan il-process pero assolutament ma jirrizultax x'kien il-kontenut ta' dawn l-*envelopes* u b'mod partikolari jekk

---

[7] Ref Dok JH2.
[8] L-imputat kienet inspector.
[9] Ref depozizzjoni ta' Joanne Hefney a fol 85.

kienx hemm xi informazzjoni li kienet tikkoncerna lil terzi u li konsegwentement Micallef ma kellux dritt ghaliha.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u l-impatt li dan ir-reat kellu fuq is-socjeta u min-naha l-ohra l-fedina penali ta'l-imputata li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt lil ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 18 u 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija; in oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 qed tordna fil-konfront ta' l-imputata l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000); u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien tlett (3) xhur thallas lir-Rgistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,226.87) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------